MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2014

Numru. 302/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs.**

**Terence Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Terence Zahra**, ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, bin Godfrey u Catherine neé Gatt, imwieled Pietà fit-23 ta' Dicembru 1983, residenti Kon

Tiki, Triq il-Qaliet, Marsascala, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 30384(M) akkuzat talli:

1. fil-11 ta' Settembru 2012, ghal habta ta' 16:45hrs gewwa Zejtun ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Liberata Gatt skond kif iccertifika Dr. Joseph Saliba MD 1776 mil-Poliklinika tal-Mosta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kiser il-bon ordni pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 54) datata 2 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 17, 31, 383 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 55), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-2 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 54), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014, is-sottomissjonijiet finali da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 73 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Arthur Mercieca** (*a fol.* 7 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu fir-rigward tal-argument li sehh fiz-Zejtun fejn il-kwerelanta Gatt sofriet griehi ta' natura gravi minhabba xi ksur li garrbet. Ipprezenta numru ta' dokumenti li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "AM 1" sa "AM 5" (*a fol.* 9 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-Pulizija kienet tintervjeni kemm il-darba ghal fatt illi l-kwerelanta kienet tirrifjuta li thalli haddiema jaghmlu xi xoghol illi l-imputat kellu bzonn jaghmel.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **PS 966 Race Desira** (*a fol.* 17 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "RD 1" (*a fol.* 19 *et seq.*)

(li huwa l-istess bhal rapport ezebit u mmarkat bhala Dok. "AM 3" (*a fol.* 12 *et seq.*)).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehdet ukoll **Maria Liberata Gatt** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn qalet li fil-11 ta' Settembru 2012 kienet go darha, semghet il-bieb ihabbat, marret tiftah u sabet lill-imputat, li huwa gar taghha, li beda jkellimha kliem pastaz u oxxen. Tispjega li kienet irrapportatu lil tas-Sanita' peress illi kienu jwaddbulha l-ilma mahmug mill-katusa tal-bir. Tghid: *"Meta kellimni kliem pastaz ghidtlu skuza ta, ghidtlu inti hrigtni minn hemm gew, niftah ghidtlu biex tkellimni dan il-kliem pastaz u oxxen? Ghidtlu qatt ma stennejtha minnek. Ergajt dhalt, hrigt dik il-kaxxa z-zghira li nizel l-ilma mahmug minn fuq il-bejt, mort ghidtlu ahna ilna tletin sena ma naqghux fuq wiccna u xejn ma kellimniek u taghmlu storbju u affarijiet, ghidtlu qatt ma kellimniekom xejn, u int gejt biex niftah il-bieb u tkellimni kliem pastaz? Kif baxxejt hekk ma' l-art biex nipprova […] biex dan l-ilma mahmug kien pipi ghax rajtu isfar u bir-rawgha qabadni minn hawn u waddabni wicci 'l fuq ma' l-art"* (*a fol.* 22-23). Tghid li l-imputat kisrilha idha l-leminija u li spiccat bil-gibs f'idha. Tghid ukoll li wara kellha accident iehor. Ezebit numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "MG 1" sa "MG 3" (*a fol.* 26 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-incident l-iehor li kellha gara fit-13 ta' April 2013 fejn zelqet fil-bitha u peress li idha ma kienitx maghquda tajjeb, regghet kisritha. Mistoqsija tghid jekk dakinhar tal-11 ta' Settembru 2012, kienitx hi li harget mill-bieb bil-*bowl* bl-ilma mahmug li qalet li kien awrina, wiegbet: *"Bl-ilma mahmug li waddbuli mill-katusa tal-bir"* (*a fol.* 24). Tghid li marret hdejn l-imputat u mistoqsija tghid jekk tefaghtulux, tichad ghax tghid li l-imputat lehaq qalibha mal-art. Tghid: *"Hu qabadni minn hawnhekk meta rani u waddabni wicci 'l fuq ma' l-*

*art. Ma lhaqtx waddabthielu, mhux veru, la hwejgu ma mlejtlu bl-ilma u lanqas xejn"* (*a fol.* 24).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2013, xehdet **Vanessa Schembri** (*a fol.* 38 *et seq.*) fejn qal li kif l-imputat u hi kienu hergin mill-post fiz-Zejtun u kienu sejrin lejn il-vettura, kien hemm il-kwerelanta, li hija gara, li harget bil-*bowl* bl-awrina u tefghetu fuq l-imputat. Tispjega li kif l-imputat kien ser jiehu l-*bowl* mill-kwerelanta, hi telqet tigri u zelqet fuq ir-rampa, bdiet tghajjat u xxejjer idha fl-arja u bdiet toffendiehom. Tghid li marru l-Ghassa u ghamlu rapport. Mistoqsija tghid jekk kienx gara xi haga qabel, tghid li lill-imputat kienu ghadhom kemm kellmuh tas-Sanita'. Tghid li marru jsaqsu lill-kwerelanta ghalfejn kienet irrapportat lill-imputat, u hi ghalqet il-bieb f'wicchom, dahlet tigri u qabet il-*bowl* bl-awrina. Mistoqsija tghid kif taf x'kien fih il-*bowl*, twiegeb ghax kien jinten.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013, xehed **Dr. Joseph Saliba** (*a fol.* 46 *et seq.*) rigward ic-certifikat mediku rilaxxat minnu, liema certifikat gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "AM 2" (*a fol.* 11). Jghid li l-kwerelanta kienet giet riferuta mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid biex tiehu *x-ray* il-Mosta. Jghid li meta sar dan, irrizulta li l-kwerelanta kellha ksur f'idha tal-lemin. Jghid li giet riferuta l-isptar minhabba dan. Ikklassifika l-griehi sofferti mill-kwerelanta bhala gravi.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma jiftakarx jekk il-kwerelanta qaltlu biex kisret idha. Jghid li jaf li kienet involuta f'xi glieda pero x'gara ezatt ma jafx.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2014, xehed l-imputat **Terence Zahra** (*a fol.* 58 *et seq.*) fejn qal li l-kwerelanta hija z-zija tar-rispett tieghu u li hu ghandu *maisonette* fuqha. Jghid li dakinhar tal-11 ta' Settembru 2012 kien flimkien ma' Vanessa Schembri u ried ikun jaf ghala l-kwerelanta kienet irraportatu lil tas-Sanita', mar ihabbtilha, u hi ghalqitlu l-bieb f'wiccu. Mar biex jirkeb il-vettura u kif kien ser jitla' fil-vettura, il-kwerelanta harget b'*bowl* mimli awrina, marret fuq in-naha tieghu u garatulu. Jghid li pprova jilqa' b'idejh, il-kwerelanta harbet tigri, zelqet f'rampa fejn kien hemm ipparkjata l-vettura tieghu u bdiet tghajjat li wegghet idha. Jghid li bdiet tkellmu pastaz u oxxen. Jispjega li baqa' sejjer l-Ghassa u ghamel rapport. Waqt id-depozizzjoni tieghu, l-imputat ipprezenta zewg ritratti li gew immarkati bhala Dok. "TZ 1" u "TZ 2" (*a fol.* 61 u 62) biex juri fejn kienet ipparkjata l-vettura tieghu. Jghid li fihom tidher ir-rampa li semma waqt id-depozizzjoni tieghu. Jichad li lill-kwerelanta kellimha pastaz u bi kliem oxxen. Jghid li l-kwerelanta anqas tatu cans ikellimha peress li ghalqitlu l-bieb f'wiccu.

In <u>kontro-ezami</u> meta mistoqsi jispjega ezatt kif ipprova jilqa' b'idu, ighid li pprova jilqa' b'idu biex il-kwerelanta ma tkompliex titfaghlu l-awrina fuqu. Jghid li lill-kwerelanta ma messhiex. Jispjega li kienet daqs metru l-boghod minnu, dar, u pprova jilqa' b'idejh milli tkompli titfaghlu l-awrina. Jghid li hekk kif il-kwerelanta kienet sejra lura lejn id-dar taghha, hekk kif daret, zelqet fuq ir-rampa. Jghid li zelqet bil-quddiem. Mistoqsi jghid x'kien l-agir tieghu meta l-kwerelanta fethet il-bieb, ighid li anqas tatu cans ikellimha peress li ghalqet il-bieb f'wicchom. Jghid li lill-kwerelanta mar ikellimha bil-kalma kollha. Ma jafx ghal liema raguni l-kwerelanta regghet fethet il-bieb u marret bil-*bowl* f'idejha. Jichad li lill-kwerelanta qabadha minn idha.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2014, id-difiza ezebiet tlett rapporti li gew immarkati bhala Dok. "DM 1" sa "DM 3" (*a fol.* 63 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi meta ttiehdet l-istqarrija (Dok. "AM 1" – *a fol.* 9 *et seq.*) tal-imputat, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt, l-imputat wiegeb ghad-domandi li sarulu fuq l-istess linji li huwa xehed meta ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. Izid ighid li l-kwerelanta taqbad dejjem mal-haddiema li huwa jkollu fil-*maisonette* tieghu u li saru diversi rapporti ghax ma kienitx thalli lill-haddiema jahdmu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat b'zewg imputazzjonijiet: taht l-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat li kkaguna griehi gravi fuq il-persuna tal-kwerelanta u taht it-tieni (2) imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat li kiser il-bon-ordni b'ghajjat u glied.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-Qorti tinnota li filwaqt li l-imputat u x-xhud Vanessa Schembri jghidu li l-kwerelanta marret ghall-imputat b'*bowl* bl-awrina, tefghetu fuq l-imputat u hi telqet tigri u zelqet fuq ir-rampa, il-kwerelanta tghid li l-imputat qabadha u waddabha mal-art. L-imputat jichad li f'xi hin mess lill-kwerelanta.

Illi qabel il-Qorti tanalizza l-ewwel (1) imputazzjoni *per se*, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel ghandha tinnota s-segwenti:

- Il-kwerelanta tigi z-zija tar-rispett tal-imputat. Jirrizulta li kien hemm diversi divergenzi bejniethom liema argumenti wasslu ghall-diversi rapporti ghand il-Pulizija.

- Il-verzjoni moghtija mill-kwerelanta, cioé li l-imputat qabadha u waddabha mal-art ma giet korroborata minn hadd.

- Il-verzjoni moghtija mill-imputat giet korroborata minn Vanessa Schembri li rat kollox.

- Mir-rapport (Dok. "RD 1" (*a fol.* 19 *et seq.*)) jemergu s-segwenti:

  - il-kwerelanta tammetti li hija waddbet l-awrina ghal saqajn l-imputat u li skond hi kien hemm li l-imputat qabadha minn idha u mbuttaha mal-art bil-konsegwenza li wegghet idha;

  - l-imputat ighid li l-kwerelanta tefghatlu l-awrina ghal saqajh u li hu pprova jzommha milli titfghalu l-*bowl* mimlija bl-awrina u l-kwerelanta waqghet mal-art.

- Fl-istqarrija (Dok. "AM 1" - *a fol.* 9 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, l-imputat jichad li huwa zamm lill-kwerelanta pero jghid li kull ma ghamel hu li pprova jilqa' b'idu.

Illi jezistu diversi divergenzi bejn ix-xiehda moghtija mill-kwerelanta u x-xiehda moghtija mill-imputat u Vanessa Schembri.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqsekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx*' (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti tinnota li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat biex gew sofferti l-griehi sofferti mill-kwerelanta: dawn gew sofferti ghax il-kwerelanta zelqet fir-rampa, kif ighid l-imputat, jew ghax l-imputat imbotta lill-kwerelanta, kif tghid il-kwerelanta? Minkejja li fir-rapport (Dok. "RD 1" – *a fol.* 19 *et seq.*) l-imputat ighid li pprova jzomm lill-kwerelanta milli titfghalu l-*bowl* mimli bl-awrina u l-kwerelanta waqghet mal-art, u minkejja li l-verzjoni li l-kwerelanta waqghet fir-rampa minghajr ma l-imputat messha giet moghtija l-ghada tal-incident meta l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu (Dok. "AM 1" – *a fol.* 9 *et seq.*), ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li effettivament l-imputat imbotta lill-kwerelanta u li konsegwenza ta' hekk kisret idha.

Illi wara li l-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u wara li hadet in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm nghad hawn fuq m'hijiex f'pozizzjoni tasal ghal liema verzjoni hija wahda kredibbli u veritjiera u ghalhekk il-Qorti tinnota li hemm konflitt fil-provi li johloq dubbju dettat mir-raguni f'mohh il-Gudikant jekk il-fatti sehhewx verament kif tallega l-parti leza. In vista ta' dan, il-Qorti tara li ma jkunx *safe and satisfactory* li ssib htija tal-imputat ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti ssegwi l-

insejament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija minnha fil-5 ta' Gunju 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Farrugia**. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi, apparti dak li nghad fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. Dan ma giex pruvat. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat ukoll mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Terence Zahra hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------